10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 38**

**13 April 2026**

Il-laqgħa numru 38 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-13 ta' April 2026 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Karl Carabott

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI:**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija ta' Sur Darren Grech u Sa Roberta Sultana.

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Laqgħa 37

Joe Vella irrimarka li kien hemm xi żbalji żgħar tal-ortografija li ġew irranġati mis-Segretarju dak il-ħin stess.

**Van:** Is-Sindku qal li l-van kien sarlu l-VRT u li kien għadda wara li kienet saritlu l-manutenzjoni fuq il-windscreen u li l-ħaddiema bdew jużawh għax-xogħol. Joe Vella irrimarka li fl-opinjoni tiegħu ma kellux jintuża l-van tal-anzjani għax-xogħol mil-handy man. Is-Sindku wieġeb li l-van intuża biss għal ftit u f'każijiet fejn ma setax isir mod ieħor fejn ma kienx ser jintuża makkinarju li jħammeġ. Hu qal ukoll li Vendriż li kien ġie irrakomandat minn membri tal-kunsill kien qed ifittex van ġdid għal kunsill kif kien miftiehm fil-laqgħat preċedenti

**Karnival:** Is-Sindku qal li bil-fondi li ser jinkisbu kien ser isir il-festoon sabiex jiġi użat f'diversi attivitajiet kemm mill-kunsill kif ukoll minn l-għaqdiet tal-lokalita.

**Transport Malta:** Is-Sindku qal kienu kellmuh Transport Malta u dawn talbu sabiex l-un/loading bay ta' quddiem Amy's Confectionery timxi għal Triq il-Lunzjata quddiem Ms Ellens. Stephen Sultana qal li l-post hu żgħir wisq peress li hemm il-garaxxijiet u għalhekk il-kunsill qabel li għanda issir quddiem Amy's Confectionery fi Triq Misraħ il-Barrieri.

**Toroq** – Is-sindku qal li sinjali ta' Triq Birghella Triq Vivion u fuq il-pont saru minn Enemalta. L-IM ma weġbitx għall-emails li kienu intbagħtu fuq ix-xogħolijiet li ma tlestewx fi Triq Emmanuel Attard u l-inħawi u għalhekk il-kunsill mexxa bil-kuntrattur tiegħu sabiex

jitkompla xogħol. Hawnhekk Stephen Sultana qal li kellha ssir *communal blue badge bay* fil-viċinanzi tan-numru 104. Is-sindku qal li kien hemm waħda ftit aktar l-isfel.

**ELoge** – is-segretarju fakkret li intbagħtet email lil kunsilliera bħala survey u li jkun xieraq li tingħata risposta.

**Trejqa ta' Fleur De Lys** - is-sindku qal li l-unika *coach* li kienet ser tgħaddi minn din it-triq kienet dik tat-tfal ta' Santa Venera u għalhekk kellu jitneħħa l-parkeġġ bil-ħin.

**Inawgurazzjoni tal-Ort** – Joe Vella xtaq isaqsi minn kien mistieden għal din l-attività, u sindku wieġeb li intużat id-database tas-soltu bħal ta Jum Santa Venera.

**Talba tal-KFE** – Is-Sindku wieġeb li l-kunsill għad m'għandux kwotazzjonijiet minkejja diversi kuntatti ma' kumpaniji li joffru dan is-servizz. Is-sindku ikkummenta ukoll li kien hemm tilwima mal-kuntrattur tax-xogħolijiet peress li ingħata lilu xi xogħol u wara xahar kien għadu ma sarx. Stephen Sultana qal li l-kunsill kellu joħroġ il-penali fuq il-kontijiet pendenti.

## 3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 443 u Petty Cash

L-iskeda tal-pagamenti ġiet mgħoddija lil-kunsilliera minn qabel u għalhekk ingħatat sabiex tiġi iffirmata. Joe Vella staqsa fuq items:

2341: Is-Segretarju spjegat li dan hu l-kont tal-GO għad-data plans li jissupplixxu l-cameras madwar il-lokal

2346: Is-Segretarju spjegat li l-KFE kienu offrew il-vann tagħhom sabiex jinġiebu l-barriers għal karnival u waqt li kien f'idejn il-ħaddiema tal-kunsill kien infaqa' tyre.

Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet jew kummenti fuq din l-iskeda tal-pagamenti però ħadd minn dawk preżenti ma iffirma l-iskeda tal-pagamenti. Meta s-sindku saqsa ala Karl Carabott wieġeb li l-pożizzjoni tiegħu ma kienetx inbidlet u Silvio Vella qal li hu ma jħossx li għandu jiffirma din l-iskeda. Joe Vella u Stephen Sultana ma ikkumentawx.

4. **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Tournament tal-Billiard –** Is-SE talbet sabiex tagħmel intervent għan-nom ta' Roberta Sultana li kienet indisposta u li xtaqet tinforma li tournament tal-billiard seta' jibda nhar it-28 ta' April 2026. Il-gruppi riedu jkunu ta' 3 minn nies li jilgħabu u persuna reserve. Gruppi jkun hemm kemm iridu. Waqt li jitilgħu l-poloz jingħataw ukoll ir-regoli tal-logħob. Is-sindku qal li hekk ser nidħlu għal dan irid ikun hemm min jiffirma l-iskeda tal-pagamenti sabiex jiġu koperti l-ispejjeż. Ħadd ma tkellem jew ikkummenta wara dan l-istatement u sindku kompla bil-laqgħa.

**5 Risposta mill-Ombudsman**

Is-SE qalet li l-kunsill kien irċieva risposta mingħand l-ombudsman fuq l-MC bay ħdejn il-garaxx ta' E Grech fi Triq il-Blata l-Kaħla Santa Venera. Is-SE qrat il-konklużjoni u rakkomandazzjoni tal-ombudsman li l-parking għandu jiġi mneħħi. Is-Sindku qal li hu għamel diversi tentattivi sabiex jiltaqa' mas-sid imma dan qatt ma' irrisponda lura. Għaldaqstant is-sindku qal li hu ma jarax għalfejn għandu jitneħħa l-parkeġġ sakemm ma ssirx il-laqgħa bejn iż-żewġt partijiet.

Hawnhekk Karl Carabott talab li tiġi diskussa item 7 fl-aġenda peress li hu kellu bżonn ikun skużat. Il-Kunsilliera aċċettaw din it-talba.

**7. Planning Authority – Triq Il-Kbira San Guzepp**

Is-Sindku qal li l-kunsill ġie infurmat minn fuq il-medja li kienet daħlet applikazzjoni PA/2001/26 għal żvilupp f'Palazzo Torretta fi Triq il-Kbira San Guzepp kantuniera ma Triq l-Imsida. Is-SE qrat email li kien irċieva l-kunsill mingħand resident mimlija informazzjoni fuq l-istorja u l-importanza ta' din il-binja. Dan ir-resident xtaq li l-kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp. Is-SE infurmat lil kunsilliera li hi kienet irrispondiet lura lir-resident u ħeġġietu sabiex hu ukoll idaħħal l-oġġezzjoni tiegħu mal-awtorità tal-ippjanar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ħa vot. Il-Kunsilliera jaqblu li l-kunsill lokali kellu joġġezzjona għal dan l-iżvilupp fuq diversi materji fosthom il-valur storiku, l-importanza tas-shelter, il-

ġnien storiku li għanda, l-impatt viżiv fuq Triq il-Kbira San Guzepp kif ukoll l-influss tan-nies bi proġett daqshekk massiv, problemi ta parking, infrastruttura li ma tiflaħx aktar u immaniġġjar tat-traffiku. Fuq dan kien hemm vot unanimu

Is-Sindku semma ukoll li kien hemm applikazzjoni oħra fi Triq Guze Flores bi numru tal-permess PA/1891/26. Din l-applikazzjoni kienet ser tolqot ukoll lil-kunsilli tal-Imsida, u ta' Birkirkara. Is-Sindku qal li hu kien diġà tkellem mas-Sindku tal-Imsida li kien ser joġġezzjona ukoll. Il-Kunsill ukoll ħa vot fuq dan l-iżvilupp u kien hemm qbil unanimu li l-kunsill joġġezzjona fuq dan l-iżvilupp fuq bażi ta' immaniġġjar tat-traffiku, influss tal-infrastruttura in ġenerali, Water management, pulmun għat-tlett lokalitajiet.

Hawnhekk Karl talab li jiġi skużat u l-kunsilliera laqgħu din it-talba.

**6. Skemi**

**SPI/SCI/01/2026 – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026**

Is-Sindku qal li fuq dan kien hemm diġà qbil permezz tal-email li kienet iċċirkolat is-SE, fejn il-kunsill qabel li ser ikun qed jagħmel attività' fi Triq il-Kbira San Guzepp nhar il-11 ta' Lulju filgħaxija bis-sehem tal-għaqdiet tal-lokal kollu li ser ikunu qed jesponi dak li huma jagħmlu kif ukoll bis-sehem ta' nies minn Santa Venera li jagħmlu xi affarijiet relatati mal-kultura jew artiġjani. Kien hemm qbil li l-kunsill jitlob għal 85% li tammonta għas-somma ta' Euro 20,000. Il-kunsill ikun obbligat li mas-somma mogħtija lilu jagħti kontribut ta' 15%.

**SPI/SCI/02/2026 – Lokalitajiet aktar nodfa**

Is-Segretarju spjegat li din l-iskema għanda Euro 1500 bħala ammont li jridu jsiru fuq attività għal sabiex jitnaddaf il-lokal li tinkludi l-involviment tal-nies fil-lokal. Is-Sindku qal li hu xtaq li l-kunsill jaħsel toroq li kienu maħmuġin bil-ħmieġ tal-ħamiem u għalhekk hu xtaq li jinġieb bowser li jaħsel it-toroq bi pressa kbira sabiex jitnaddfu. Fuq dan kien hemm qbil li jitnaddfu dawn it-toroq: Triq il-Kbira San Guzepp kantuniera ma' Triq San Gorg, Triq San Gorg, Triq Guze Pace, Triq Qalb Imqaddsa, Triq il-Kbira San Guzepp kantuniera ma' Triq il-

Kanun, Triq il-Lunzjata. Il-kunsill qabel ukoll li jinxtraw bins sabiex jitwaħħlu madwar il-lokal kollu.

**SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament Milied**

Is-Segretarju spjegat li din l-iskema riedet issir bejn l-1 ta' Diċembru u 8 ta' Jannar 2027 u għaliha kien hemm allokati sa massimu ta' Euro 15,000 għal kull kunsill lokali. Ma din is-somma l-Kunsill kien obbligat li jgħattu kontribut ta' 15%. Il-Kunsill qabel li din l-iskema kellha tintuża fuq Betlehem f'Santa Venera.

**SPI/SCI/04/2026 – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Is-SE qrat din l-iskema u spjegat li din l-iskema hi ta' Euro 30,000 u l-kunsill kien obbligat li joħroġ il-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill xtaq li japplika għal din l-iskema permezz ta' pocket Gardens fi Triq it-Turretta fejn kien hemm bżonn ta' riġenerazzjoni.

**SPI/SCI/05/2026 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità**

Is-Segretarju qrat din l-iskema u spjegat li l-massimu tal-fondi li l-kunsill jista' jieħu kien ta' Euro 100,000. Ma dawn il-kunsill kien obbligat li joħroġ 15%. Il-kunsill qabel li jsir proġett fuq is-sienja li tinsab fil-ġnien Romeo Romano.

**SPI/SCI/06/2026 – Karnival 2027**

Is-Segretarju qrat din l-iskema u spjegat li minn din l-iskema l-kunsill seta' jibbenefika sa massimu ta' Euro 5000. Il-kunsill qabel li din l-iskema kellha tintuża fuq attività' tal-karnival fi Triq il-Kbira San Guzepp kif ukoll fuq sound jew dawl li seta' jintuża mill-kunsill kif ukoll mill-għaqdiet tal-lokal.

**8. Blue Badges**

Is-Sindku qal li kien irċieva talba għal *communal Badge parking* fi Triq il-Fawwara. Il-Kunsill qabel li dan il-*communal Badge parking* isir. Is-Sindku qal li fuq it-talba li kien

hemm xi laqgħat ilu għal blue parking fi Triq il-Brunzar u li l-kunsill kien qal lir-residenta sabiex tapplika ma Transport Malta, dan ma ġiex aċċettat. Għalhekk is-Sindku kien qed jipproponi li jsir *communal Blue badge parking*. Fuq dan kien hemm qbil la kien hemm il-bżonn tar-resident. Is-Sindku qal ukoll li fi Triq Qormi ma kienx hemm *communal Blue Badge Parking* u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li jkun hemm wieħed. Kien hemm wieħed personalizzat. Il-Kunsill qabel fuq dan ukoll.

Steven Sultana issuġġerixxa li ssir policy fuq *Blue Badge parkings* li tkun ibbażata fuq densita tal-popolazzjoni u tul tat-triq fost l-oħrajn. Is-Sindku qal li ser ikun qed jaħdem fuqha u informa ukoll li għamel pressjoni ma' Transport Malta sabiex titneħħa l-un/loading bay fi Triq il-Kbira ħdejn tal-pizza. Is-Sindku qal ukoll li kien informa lil-TM li un/loading tal-bargains ma kienetx qed tintuża filgħodu peress li l-ħanut kien qed jiftaħ biss filgħaxija u TM kellhom jagħmlu xi spezzjonijiet.

**9. IBins - risposta**

Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva risposta minn naħa tal-GreenPak. Is-Segretarju qrat din ir-risposta. Il-kunsilliera ikkumentaw li triq miktuba ma kienetx it-triq fejn ġew impoġġija l-Ibins peress li l-Ibins ġew impoġġija fi Triq il-Ġdida fi Triq il-Palazz l-Aħmar u mhux fi Triq il-Palazz l-Aħmar bħalma tgħid l-ittra. Il-kunsill qabel li din l-ittra tintbagħat lil Avukat sabiex jiddeċiedi aħjar il-kunsill u forsi jerġa' jsir tentattiv sabiex iż-żewġt partijiet jiltaqgħu.

**10. RFQ tindif tal-uffiċini**

Is-Sindku qal li għal din is-sejħa kien hemm risposta waħda li kienet viċin ta' dak li l-kunsill kien qed iħallas għas-servizz bħalissa. Għalhekk il-kunsill qabel li jaċċetta din l-offerta.

**11. Dog Area – Turetta Area**

Is-Sindku informa li l-Animal Welfare kienet ħarġet skema għal Dog Parks u Cat Cafe u hu kien qed jissuġġerixxi li issir riabilitazzjoni tal-passaġġ fi Triq it-Turretta bejn l-għassa u Palazzo Torretta. Fuq dan kien hemm qbil.

**12. Għeluq Tender Bulky Refuse**

Is-Sindku informa lil kunsill li proċess tat-tender għal bulky refuse ġie konkluż u l-bord ta' evalwazzjoni kien qed jirrakkomanda lil kumpanija AgriBrands bħala l-aktar offerent eliġibbli. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni.

**13. DIER**

Is-Sindku qal li l-avukat ma setgħax jattendi il-laqgħa lum għalhekk dan is-suġġett kien ser jiġi diskuss nhar l-24 ta' April kif kien infurmat minn qabel.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tat-19.45 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir fi 4 ta' Mejju 2026 fil-17.00.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv